# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 22 ta' Marzu 2017**

**Kawża Nru: 13**

**Rikors Ġuramentat Nru: 328 / 11 JA**

**George Sladden u Joyce miżżewġin Sladden, u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2016 l-atti ġew trasfużi f'isem uliedha Christopher, Kevin, Stephan u Jacqueline *stante* l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża**

**-vs-**

**Anthony Mangion**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fl-4 ta' April 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi huma propretarji tal-għalqa magħrufa bħala:

*" 'Taz-Zija' Anna sive 'Ta' Sardina' f'San Anard fil-kontrada tal-Bajjada, San Anard, limiti ta' Ħaż-Żabbar ta' kejl superfiċjali ta' circa tlett elef, mitejn u tlieta punt wieħed metri kwadri (3,203.1) ossija tomnejn ħames sigħan u kejla (2t 5s 1k) konfinanti mill-Grigal ma' triq pubblika li tagħti għal triq Wied il-Għajn, mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-familja Pulis jew l-aventi kawża minnha u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' terzi mhux magħrufa ........"* .

u dan kif jirrizulta mill-kuntratt korrettorju fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tat-28 ta' Awwissu 1996 għall-kuntratt ori[inali li sar fit-22 ta' Marzu, 1996 fl-atti ta' l-istess Nutar Peter Fleri Soler: Dok.'A' u 'B'.

Illi skont il-pjanta hawn annessa, jirriżulta li mill-parti tas-suespost kejl proprjeta' tal-esponent, l-intimat użurpa a benefiċċju tiegħu parti mill-art proprjeta' tagħhom meritu ta' din il-kawża billi bena ħajt mhux biss b'mod abbużiv imma wkoll mingħajr il-permessi neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti, liema ħaġa qed isservi ta' preġudizzju għall-esponenti rikorrenti: Dok. 'C'.

Illi dan l-aġir ikkawża u qed jikkawża wkoll danni kontra l-esponenti.

Illi għalkemm interpellat kemm-il darba biex jiżgombra mill-proprjeta' tiegħu, u biex jagħmel tajjeb għad-danni sofferti, l-istess konvenut Mangion baqa' inadempjenti.

Jgħid għalhekk il-konvenut intimat il-għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjara li huma propretarji tal-art in kwistjoni;

2. Tiddikjara li l-istess konvenut qed jokkupa mingħajr ebda dritt u titolu validu fil-proprjeta' tal-atturi liema aġir kien u hu abbużiv u li hu reklamat mill-esponenti bħala propretarji;

3. Tikkundannah jiżgombra mill-proprjeta' tal-esponenti fi żmien qasir u perentorju li tindika dina l-Onorabbli Qorti u tirriprestiva l-istess atturi fil-proprjeta' tagħhom.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzioni b'riżerva għad-danni bis-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fit-18 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti għandhom jindikaw liema hija l-azzioni li qed iressqu, taħt liema artikolu tal-liġi qegħdin isejsu tali azzjoni u taħt liema artikolu tal-liġi qegħdin jibbażaw ir-rimedju mitlub. F'dan ir-rigward, l-intimat qiegħed jirriserva d-dritt tiegħu li jressaq risposta ulterjuri.

2. Illi r-rikorrenti għandhom jippruvaw l-estensjoni tal-proprjeta' li huma qegħdin jgħidu li hija tagħhom u t-titolu li huma għandhom u tal-awturi tagħhom.

3. Illi fil-mertu, l-intimat jiddikjara li huwa ma huwiex jiddetjeni l-ebda parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti. Anzi mill-kuntratti esebiti, mill-kejl indikat u kif sejjer jiġi muri fil-mori, għandu jirriżulta proprju l-oppost.

4. Illi għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti, u n-noti ta' sottomissjonijiet (fol 149; fol 154);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba (fol 49) u l-eskussjoni tiegħu (fol 119).

Rat li fil-verbal tas-seduta miżmuma fil-25 ta' Jannar 2017 l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' Marzu 2017.

## Ikkunsidrat:

### Fatti

Illi din hija kawża għal żgumbrament. L-atturi jissottomettu li huma l-proprjetarji tal-għalqa magħrufa bħala *"Taz-Zija' Anna sive 'Ta' Sardina' f'San Anard fil-kontrada tal-Bajjada, San Anard, limiti ta' Ħaż-Żabbar ta' kejl superfiċjali ta' circa tlett elef mitejn u tlieta punt wiehed metri kwadri (3,203.1) ossija tomnejn, ħames sigħan u kejla (2t 5s 1k) konfinanti mal-Grigal ma' triq pubblika li tagħti għal triq Wied il-Għajn, mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-familja Pulis jew l-aventi kawża minnha u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' terzi mhux magħrufa ..."* u dan kif jirriżulta mill-kuntratt korrettorju fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tat-28 ta' Awissu, 1996 għall-kuntratt oriġinali li sar fit-22 ta' Marzu 1996 fl-atti tal-istess Nutar Peter Fleri Soler [Dok 'A' (fol 4) u Dok 'B' (fol 7)]. L-atturi jilmentaw illi l-konvenut użurpa a benefiċċju tiegħu, parti mill-art tagħhom magħrufa bħala 'Ta' Sardina', fi Triq San Anard, Ħaż-Żabbar, u dana billi bena ħajt mhux biss b'mod abbużiv, imma wkoll mingħajr il-permessi neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti, bi pregudizzju għall-atturi [Dok C (fol 10)]. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża mill-atturi sabiex jirriprendu pussess tal-art in kwistjoni. L-attur xehed minn

jeddu in vista tal-eskussjoni tal-Perit Alan Saliba waqt is-seduta miżmuma fil-15 ta' Ġunju 2015 (fol 133).

**Eċċezzjonijiet**
Illi fil-qosor il-konvenut eċċepixxa (fol 24) illi l-atturi għandhom jindikaw liema hija l-azzjoni li qed iressqu; għandhom jippruvaw it-titolu tal-estensjoni tal-proprjeta' li qegħdin jgħidu li hija tagħhom; fil-mertu eċċepew li l-konvenut mhuwiex qed jiddetjeni l-ebda parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti; u li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenut esebixxa l-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef fid-19 ta' Frar 1997 (fol 73). Il-konvenut xehed minn jeddu in vista tal-eskussjoni tal-Perit Alan Saliba waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2015 (fol 130).

**Rapport Peritali**
Illi l-Perit A.I.C. Alan Saliba kkonkluda kif ġej (fol 62):

*"6.1 Ir-Rikorrenti huma proprjetarji tal-għalqa fi Triq San Anard, Żabbar li tidher immarkata fuq il-pjanta Dok. 'AST'.*

*6.2 L-Intimat qed jokkupa mingħajr ebda dritt u titolu validu strixxa minn din il-proprjeta' tar-Rikorrenti b'kejl ta' sitta u tletin metri kwadri (36 m.kw.).*

*6.3 Sabiex din l-istrixxa ta' art tiġi ripristinata mal-proprjeta' tar-Rikorrenti jeħtieġ li l-art fil-ħxuna kollha tal-ħajt li bena l-Intimat flimkien ma' erba' metri kwadri (4 m.kw.) ħamrija jiġu mgħoddija lir-Rikorrenti sabiex il-linja medjana bejn il-kontendenti tkun stabbilita f'distanza ta' punt ħamsa metri (0.5m) lejn l-Intimat min-naħa ta' barra tal-ħajt diviżorju eżistenti mat-triq u punt erbgħa metri (0.4m) lejn l-Intimat min-naħa ta' barra tal-istess ħajt diviżorju fuq wara."*

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' żgumbrament. L-atturi akkwistaw l-art *de quo* b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler datat 22 ta' Marzu 1996 (fol 4) fejn ġie ndikat kejl ta' *circa* 4,496.8 metru kwadru. Sussegwentement, l-atturi kkoreġew dan il-kuntratt permezz ta' att korrettorju datat 28 ta' Awwissu 1996 (fol 7) fejn il-kejl ġie ridott għal *circa* 3,203.1 metri kwadri. Mill-banda l-oħra l-konvenut xtara porzjon art mhux fabbrikabbli mill-art magħrufa ta' "San Leonardo", limiti ta' Ħaż-Żabbar, b'kuntratt (fol 73) datat fid-19 ta' Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef ta' kejl ta' *circa* 937 metri kwadri.

Illi dwar il-kwistjoni tal-irjieħat imqajma mill-konvenut, il-Perit Alan Saliba rrelata kif ġej (fol 59):

*"5.6 Dwar l-irjieħat, l-għalqa tar-Rikorrenti tmiss mill-Lvant / Xlokk mal-għalqa tal-Intimat. Fl-att korrettorju tar-Rikorrenti tissemma proprjeta' tal-familja Pulis mix-Xlokk I huma l-awturi tal-Intimat (Xhieda tal-Intimat Anthony Mangion pg 13). Fil-kuntraatt t'akkwist tal-Intimat tissemma proprjeta' tal-eredi ta' Pasquale de Lorenzo mill-Punent li huma l-awturi tar-Rikorrenti. Għalhekk, l-irjieħat jikkonfermaw li l-proprjetajiet tal-kontendenti jmissu ma' xulxin."*

Illi dwar l-ilment imressaq mill-konvenut illi (fol 159),

*"21. L-istess konvenut, allega wkoll li n-nuqqas ta' kejl li hemm fl-għalqa tal-atturi ġejja mill-fatt li sid l-għalqa li tinsab fuq in-naħa l-oħra tal-għalqa tiegħu kien iddritta l-ħajt tal-għalqa tiegħu u b'hekk ħa mill-għalqa tal-atturi. Dan l-argument tal-konvenut huwa, fil-fehma tiegħu b'saħħtu u mhux li jiġi miftuħ il-barra kif pprova jagħmel il-perit tekniku waqt l-eskussjoni tiegħu."*

Il-Perit Alan Saliba jirribatti u jispjega kif ġej (fol 58):

*"5.5 L-Intimat jissottometti li d-differenza bejn l-ewwel kuntratt tar-Rikorrenti u l-att korrettorju hija li fl-att korrettorju tnaqqset l-għalqa tiegħu li ġja' kienet f'idejh sa mis-sena 1995 (Xhieda tal-Intimat Anthony Mangion pg 8). L-Intimat ikompli li għalhekk, bejn l-għalqa tiegħu u tar-Rikorrenti hemm passaġġ ta' ħames piedi (5'0") li huwa tiegħu bi dritt (Xhieda tal-Intimat Anthony Mangion pg 8/9/22/23). Jidher li l-Intimat hawnhekk qed jalludi għad-differenza bejn il-kejl ta' 4,496.8 metri kwadri fil-kuntratt oriġinali tar-Rikorrenti u l-kejl ta' 3,203.1 metri kwadri fl-att korrettorju, u ċjoe' differenza ta' 1,293.7 metri kwadri jew 356.7 metri kwadri aktar mill-kejl akkwistat minnu (4,496.8 – 3,203.1 = 1,293.7 – 937 = 356.7m.kw.. Xhieda tal-Intimat Anthony Mangion pg 8/9/16/17/19). Meta wiehed iqis li l-għelieqi tal-kontendenti fihom tul ta' madwar 75 metru, jirriżulta illi 356.7 metri kwadri jfissru passaġġ wiesgħa madwar hames metri (5m) u mhux hames piedi (5'0") kif jallega l-kejl (Xhieda tal-Intimat Anthony Mangion pg 12). Madanakollu, mill-pjanta annessa mal-kuntratt t'akkwist tal-istess Intimat jirriżulta l-kuntrarju billi tidher il-linja medjana mmarkata f'nofs il-ħitan.*

…

*5.7 L-Intimat jissottometti li l-għalqa msemmija fil-kuntratt tar-Rikorrenti mhix l-istess waħda li tidher fuq il-pjanta billi t-triq ta' quddiem ma tibqax sejra għal Wied il-Għajn imma għaż-Żonqor mentri t-triq li tmur Wied il-Għajn qiegħda aktar lejn in-Nofsinhar u jkompli li l-akkwati jinsabu kontrada 'Taż-Żubu' u mhux 'Ta' Melita' kif jidher fuq Dok. 'MEPA1' (Xhieda tal-Intimat Anthony Mangion pg 13). F'dan ir-rigward jiġi rilevat illi t-triq fil-kwistjoni – illum magħrufa bħala Triq San Anard – tisbokka fi Triq Wied il-Għajn, proprjament fiż-żona magħrufa bħala 'Taż-Żonqor' kif jidher mis-'survey sheet' uffiċjali li qed tiġi annessa u mmarkata 'ASP' (ara linja ħamra fuq Dok. 'ASP'). Dwar l-akkwati, fil-kuntratt tar-Rikorrenti tissemma ż-żona ta' San Anard filwaqt li t-triq li magħha jmissu l-proprjetajiet tal-kontendenti*

*jisimha Triq San Anard. Ikkunsidrat dan kollu u l-irjieħat imsemmija fil-paragrafu preċedenti, jirriżulta li l-art tar-Rikorrenti hija dik li tidher fuq il-pjanta mħejjija mill-esponent Perit Tekniku fuq is-'survey' Dok. 'AMS', liema pjanta qed tiġi annessa u mmarkata 'AST' u liema art tmiss mill-Lvant / Xlokk mal-għalqa tal-Intimat. Mill-pjanta annessa mal-kuntratt t'akkwist tar-Rikorrenti kien jirriżulta ċar fejn proprjament tinsab l-art tar-Rikorrenti, madanakollu din il-pjanta ma ġietx preċentata fl-atti.*

*5.8 Mis-'survey' Dok. 'AMS' jirriżulta li l-għalqa kollha fil-pussess tal-partijiet fiha kejl ta' 4,100 metri kwadri. Ir-Rikorrenti akkwistaw 3,203.1 metri kwadri mentri l-Intimat akkwista 937 metri kwadri. B'hekk hemm 40.1 metri kwadri jew 0.96% inqas disponibbli għall-partijiet (4,100 – 3,203.1 = 40.1 m.kw.). Mill-istess 'survey' Dok. 'AMS' u meta wieħed jikkonsidra l-wisgħa kollha tal-ħajt mal-intimat (ġaladarba l-ħajt bnih l-istess Intimat) jirriżulta wkoll li r-Rikorrenti jinsabu fil-pussess ta' 3,087 metri kwadri mentri l-Intimat jinsab fil-pussess ta' 1,013 metri kwadri. Għalhekk, ir-Rikorrenti jippossjedi 116.1 metri kwadri jew 3.6% inqas mentri l-Intimat jippossjedi 76 metri kwari jew 8.1% aktar. Mill-istess 'survey' Dok. 'AMS' jirriżulta wkoll li l-Intimat għandu faċċata ta' 12.5 metri (inkluż il-wiesgħa kollha tal-ħajt diviżorju) mentri fil-fatt kellu jkollu 12 metri (39'4") skont il-pjanta annessa mal-kuntratt tiegħu. B'hekk tirriżulta ppruvata l-allegazzjoni tar-Rikorrenti li huma għandhom 95 metri kwadri inqas u li l-Intimat għandu aktar faċċata milli hu akkwista. Dawn ir-riżultanzi jfissru li n-nieqes li hemm a dispożizzjoni tal-partijiet batewh kollu r-Rikorrenti mentri l-Intimat jippossjedi 76 metri aktar milli akkwista."*

Illi l-Perit Alan Saliba jispjega wkoll kif wasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu (fol 61):

*"5.9 L-esponent jikkonsidra illi billi l-faċċata tal-Intimat fiha 12.5 metri mentri skont il-pjanta annessa mal-kuntratt ta' akkwist din*

*kellha tkun 39'4" jew 12.0 metri u kif ukoll li r-Rikorrent xehed illi min wara l-Intimat daħallu ftit inqas (Xhieda tar-Rikorrent George Sladden pg 4), l-esponent huwa tal-opinjoni li l-linja medjana bejn il-partijiet għandha tiġi aġġustata kif tidher fuq il-pjanta Dok. 'AST' fejn il-faċċata tal-Intimata nżammet 12-il metru billi l-linja ta' barra tal-ħajt eżistenti mat-triq tressqet 0.5 metri lejn l-Intimat filwaqt li l-linja ta' barra tal-ħajt fuq wara tressqet ftit anqas (kif jissottometti r-Rikorrent) u ċjoe' 0.4 metri lejn l-Intimat sabiex b'hekk il-partijiet ikollhom kejl ir-Rikorrenti 3,123 metri kwadri jew 80.1 metri kwadri (2.5%) inqas u l-Intimat 977 metri kwadri jew 40 metri kwadri (4.3%) aktar. B'hekk tkun qed tigi rispettata kemm il-kejl tal-faċċata fil-kuntratt tal-Intimat u kif ukoll l-allegazzjoni ppruvata tar-Rikorrenti li huma għandhom inqas fil-kejl, li l-Intimat għandu aktar faċċata u li l-Intimat daħal fl-art tar-Rikorrenti ftit inqas fuq wara. B'hekk jirriżulta li l-Intimat użurpa sitta u tletin metri kwadri (36 m.kw.) proprjeta' tar-Rikorrenti (1,013 – 977 = 36m.kw.). L-esponent ma jikkunsidrax illi n-nieqes għandhom ibatuh iż-żewġ partijiet indaqs għax inkella l-Intimat ikollu jitnaqqaslu aktar minn 0.5 metri minn quddiem jew minn wara u dan kuntrarjament kemm għall-kejl tal-faċċata fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-Intimat u kif ukoll kuntrarjament għall-provi mressqa mir-Rikorrenti fejn ir-Rikorrent stess xehed li l-Intimat daħallu ftit inqas minn wara. Madanakollu, billi l-maġġorparti ta' dan il-ħajt huwa wiesgħa punt sitta metri (0.6m) jista' jingħad li l-maġġorparti ta' din l-istrixxa ta' art ta' 36 metri kwadri (32m.kw. minnha) hija użurpata mill-ħajt stess u ma tifformax parti mill-ħamrija fil-pussess tal-Intimat. Fil-fatt l-Intimat jgħid "Jiena xtrajt ħames Sigħan agrikola u l-ħxuna tal-ħitan ma jgħoddux f'dan il-kejl" (Xhieda tal-Intimat pg 12) filwaqt li r-Rikorrenti jippremettu illi "L-Intimat użurpa a benefiċċju tiegħu parti mill-art proprjeta tagħhom mertu ta' din il-kawża billi bena ħajt ...". Għalhekk, ir-ripristinar proprju jinkorpora erba' metri kwadri (4 m.kw.) ħamrija fil-pussess tal-Intimat (li tinsab fil-parti ta' quddiem fejn il-ħajt diviżorju jidjieq minn dobblu għal*

*singlu – ara Dok. 'AST' u tnejn u tletin metri kwadri (32m.kw.) ħajt."*

Illi in eskussjoni għad-domandi mressqa mill-konvenut, l-istess Perit Saliba jispjega illi (fol 125),

*"Xhud: Jiena bħala Perit ma jirnexxilix noħroġ id-diskrepanzi li hemm bejn il-partijiet minn survey, minn site plan ta' one is to two thousand five hundred minflok minn survey one is to one. Jien nimxi fuq survey one is to one, mhux ta' scale one is to two thousand five hundred."*

u jkompli billi jissottometti illi (fol 129),

*"Xhud: .. dan is-survey kellu jsir fuq art li qegħda f'idejn il-partijiet imdawra b'ħajt min-naħa, b'ħajt minn naħa l-oħra, sqaq minn naħa l-oħra u triq. Jiġifieri l-konfini huma definiti. L-ebda ħadd mill-partijiet waqt il-ġbir ta' provi ma qal illi t-triq imxiet, li l-isqaq mexa, il-ħajt ta' wara mexa u l-ħajt l-ieħor mexa. Jiġifieri dak il-fatt ma seta' jiġi qatt. Issa jekk qed jirriżulta issa."*

Illi din kienet b'risposta għad-domandi tal-abbli difensur tal-konvenut li ssottometta li l-konstatazzjonijet tal-perit tekniku kienu żgwidati mll-fatt li skond hu ċċaqalqet it-triq. Madankollu ma jirriżulta xejn mill-perizja teknika li dan kien il-każ. Din il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm il-konvenut ippreżenta nota (fol 116) fejn permezz tagħha ddikjara illi huwa xtaq jitlob il-ħatra ta' Periti Perizjuri wara r-rapport tal-Perit Alan Saliba – jirriżulta li l-konvenut dan qatt ma għamlu waqt il-mori tal-kawża.

Illi ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:-

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu*

*jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors tal-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tevita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika."*

Illi f'dan ir rigward ukoll il-Qrati tagħna għal diversi drabi għamlu tagħhom il-kostatazzjonijiet tal-istess Qorti fil-kawża **"Ġiswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et"** (deċiża fit-23 ta' Ġunju 1967) fejn qalet illi *"għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha innifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenoke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu taċ-ċirkostanzi rraġonevoli."* Bl-istess mod il-Qorti (Prim Awla) ppronunzjat ruġha fil-kawża fl-ismijiet **"Josephine Micallef vs Louis Zammit"** deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar riċentement il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Kummissarju tal-Artijiet vs Mugliette et"** deċiża fit-28 ta'

Marzu 2014 u **"Giulia Curmi et vs Guzeppi Schembri"** deċiża fl-Appell ukoll fl-24 ta' April 2015.

Illi din il-Qorti wara li qieset il-provi kollha mressqa waqt il-kawża fid-dawl tar-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba hawn fuq ċitata tħoss illi l-istess konklużjonijiet milħuqa mill-Perit huma ġusti u l-prinċipji elenkati aktar qabel għandhom jiġu applikati fil-każ odjern.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha attriċi. Għall-fini tat-tieni talba l-Qorti tipprefiġġi terminu ta' xahar sabiex il-konvenut jivvaka u jiżgombra mill-proprjeta' msemmija. Il-Qorti tinnomina lill-imsemmi A.I.C. Alan Saliba biex okkorrendo jissorvelja x-xogħol neċessarju għar-ripristinar.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**